MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru. 696/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**vs**

**LAWRENCE ATTARD bin Carmel u Giorgia nee' Grech, imwieled fl-ghaxra (10) ta' April, 1964 u residenti Flat 4, St. Mary Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, l/o Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 15064(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **LAWRENCE ATTARD** bin Carmel u Giorgia nee' Grech, imwieled fl-ghaxra (10) ta' April, 1964 u residenti Flat 4, St. Mary Flats, Triq il-Qbajjar,

Marsalforn, l/o Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 15064(G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tnejn (2) ta' Lulju elfejn u sitta (2006) ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxra (11:50p.m.) fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex:-

1. kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. qal kliem oxxen;
3. barra minn hekk ghamel gesta oxxeni;
4. u akkuzat ukoll talli kkaguna ferita fuq il-persuna ta' Lucia Portelli minn Fontana, Ghawdex.

Semghet lil Lawrence Attard jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu Dottor Chris Said.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-affidavits ta' PS261 Raymond Cauana, ta' PS 1377 Emanuel Cilia, ta' PC 1153 Mark Cardona uta' PC 817 Joseph Bajada.

Semghet lil Lucia Portelli tirrinuznja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment 338(bb), 338(dd) u339(1)(d0 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat LAWRENCE ATTARD hati fuiq l-ewwel tlett akkuzi fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira maltin komplessivament filwaqt li tastjeni milli tieghu konjizzjoni tar-raba akkuza stante rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------